MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2009

Numru 942/2007

Il-Pulizija
(Spetturi Daniel Zammit u Jesmond Borg)

vs

Wayne Briffa (I.D 402586m); Scott Fenech (I.D 432587m); Glenn Spiteri (I.D 48688m); Duncan Caruana (I.D 265087m); Eric Zammit (I.D 223486m); Francesca Darmanin (I.D 438292m)

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra limputati akkuzati talli:

- nhar it-28 ta' Settembru 2007 ghal habta tat-8.00pm ikkommettew serq minn fuq il-persuna ta' Michael Raymond Sciberras minn gewwa Triq il-Gojjin, Fgura, liema serq kien ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur li jiskorri Lm1000 u bil-hin.

Rat l-Artikoli mahruga mill-Avukat Generali permezz ta' liema bghat lill-imputati sabiex jigu ggdikati minn dina l-Qorti fin-nuqqas ta' opposizzjoni da parti tal-imputati;

Semghet lill-imputati jiddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kawza tigi trattata u deciza minn dina l-Qorti;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

Ai termini tar-rinviju tal-Avukat Generali l-imputati kollha huma akkuzati ta' serq kwalifikat bil-vjolenza, mezz, valur u hin.

Issa l-fatti fil-qosor huma s-segwenti: illi fid-data u hin li jissemmew fl-akkuza jirrisulta bhala fatt ben pruvat li certu Michael Sciberras, guvni ta' sittax il-sena, cjoe' l-persuna minghand min ittiehdu l-flus meritu din il-kawza, kien qieghed jiftahar b'ammont sostanzjali ta' flus li kien hadhom minn fuq il-bank tal-kcina u kienu ta' missieru minn introjtu ta' bejgh ta' xi proprjeta' li kien ghamel missieru f'xi zminijiet ferm recenti. Jirrisulta wkoll bhala fatt ben pruvat, anke mill-istqarrijiet stess ta' dawk fost l-imputati li kienu direttament involuti, li l-ewwel li sar jaf bil-flus kien l-imputat Wayne Briffa billi kien urihomlu l-imsemmi Michael Sciberras li fir-rigward jghid li lil Briffa kien sahansitra qallu li kienu gejjin minn xi serqa. Jidher li hawnhekk involvew ruhhom l-imputati Scott Fenech, Glenn Spiteri u Duncan Caruana biex dawn l-imputati nibtu lil minuri Sciberras sabiex johdulu l-flus. Difatti jirrisulta li f'dak l-istess jum ghas-7.30pm circa l-minuri

Sciberras istigat minn Wayne Briffa dahal id-dar ta' missieru u gab il-flus biex jurihom lil Scott Fenech. Kien fil-kors li qieghed juri dawn il-flus li Duncan Caruana, wiccu nofsu mghotti b'xugamann iswed, resaq lejn il-vettura li kien qieghed isuq Wayne Briffa u hataf il-flus minn idejn il-minuri Sciberras u telaq jigri. Skont il-minuri Sciberras hu gera warajh kif ghamel ukoll Scott Fenech izda lil Duncan Caruana ma lahquhx billi, skont hu, dan rikeb il-karozza ta' Glenn Spiteri. Intant, hu x'inhu l-kaz ta' kif issuccedew l-eventi mill-istqarrijiet infushom ta' dawn l-imputati hemm l-konfessjoni taghhom dwar l-involviment ta' kull wiehed minnhom f'din is-serqa u wkoll tal-gwadann li ghamlu individwalment meta iltaqghu wara u qasmu l-flus bejnithom.

Ikkonsidrat:

Illi hemm x'tghid dwar il-partecipazzjoni fis-serq taz-zewg imputati Eric Zammit u Francesca Darmanin. Fil-fatt li hu cert hu li entrambi hadu xi flus mis-serqa izda l-provi mkien ma jaslu biex jiddimostraw, fil-fehma ta' din il-Qorti, li huma ippartecipaw attivament fis-serqa 'per se'. Fir-rigward Eric Zammit il-partecipazzjoni tieghu hi esklusa b'mod assolut billi jirrisulta li gie involut meta, wara li Duncan Caruana kien hataf il-flus minghand il-minuri u kien telaq jigri 'hemm, b'mod kazwali ghall-ahhar inzerta dan Zammit riekbu fil-vettura tieghu injar b'dak li kien ghamel dan Duncan Caruana. Kien fil-fatt dan ta' l-ahhar li sussegwentement kien ikkompensah talli kien tah 'lift' bis-somma ta' Lm500 izda hawnhekk dan l-imputat kien jaf ghaliex Caruana kien tahomlu. Fir-rigward l-imputata Francesca Darmanin il-partecipazzjoni taghha tirrisulta filli kienet semplici spettattrici ghal xi diskors li kien sar qabel il-misfatt. Dak li johrog cert mill-provi, senjatament l-istqarrija taghha, hu li meta nghatawlha l-flus, circa Lm170, minn Caruana u Briffa kienet ben konxja tal-provenjenza taghhom.

Ikkonsidrat:

Illi fuq dak li nghad ghalhekk m'ghandux ikun hemm dubbju li l-imputati Duncan Caruana, Wayne Briffa, Scott Fenech u Glenn Spiteri irrendew ruhhom hatja ta' serq u cjoe l-akkuza li biha huma akkuzati liema akkuza pero' ma tinkawdrax fil-konfront tal-ko-akkuzati Eric Zammit u Francesca Darmanin. Fir-rigward dawn l-ahhar zewg ko-akkuzati ireggi ir-reat ta' ricettazzjoni that l-Artikolu 344 tal-Kap 9 liema akkuza ma gietx invokata u l-ebda mill-ko-akkuzati hu mixli biha. Trattasi ta' reat separat u indipendenti minn dak tas-serq il-Qorti li eskludiet r-reat ta' serq fil konfront ta' dawn iz-zewg ko-akkuzati ma tistax issa issibhom hatja ta' ricettazzjoni.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-aggravji tas-serq huwa ben dimostarat li hu aggravat bil-vjolenza (numerika), bil-mezz (l-ghata tal-wicc tal-halliel), bil-valur (il-fuq minn LM1000) u hin (wara nzul ix-xemx) u ghalhekk passibbli ghall-piena ta' prigunerija minn tmintax il-xahar sa tmien snin. Madanakollu hemm is-segwenti cirkostanzi li l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni u ser tqishom fatturi mitiganti fl-ghoti tal-piena: senjatament, l-eta' tal-akkuzati, l-fedina penali sostanzjalment nadifa taghhom u l-fatt li r-refurtiva giet  ritornata anka jekk jista' jghati l-kaz mhux fl-intier taghha. Dwar dan il-fattur tar-restituzzjoni cjoe' il-bilanc li ma giex irkuprat l-Qorti temmen fuq il-provi ezistenti fl-atti li kienet parti esigwa li ma gietx ritornata.

Ghaldaqstant u fuq l-iskorta ta' dak li ntqal hawn fuq qeghdha tiddecici:

- li ma sibx lill-akkuzati Francesca Darmanin u Eric Zammit hatja skond l-akkuza kontihom dedotta u kwindi tilliberhom minn kull piena;
- li kuntrarjament issib l-imputati Duncan Caruana, Wayne Briffa, Scott Fenech u Glenn Spiteri hatja skond l-akkuza riportata kontra taghhom. Wara li rat l-Artikolu 261(a)(b)(c)(f), 262(c), 263(b), 267, 270, 278(2)(3), 279(b), 280(2), 31 tal-Kap 9 tikkundannhom piena ta' prigunerija ghall-zmien tmintax il-xahar kull akkusat liema

perjodu ta' prigunerija sejra pero' tisspospendi ghall-perjodu ta' sentejn mill-lum dment li l-akkuzati ma jikkommettux reat iehor punibbli bi prigunerija fil-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza;

- tapplika wkoll fil-konfront ta' dawn l-ahhar imsemmija l-Artikolu 533 tal-Kap 9 u tikkundannhom ihalsu l-ispejjez in kwantu ghal kwart kull wiehed tal-ispejez inkorsi fin-nomina tal-esperti nominati fl-istadju tal-proces verbal;
- ma jidirliex li ghandha tapplika l-Artikolu 23 tal-Kap 9.

Il-Qorti spiegat lil dawk mill-akkuzati li qeghdha ssib htija r-responsabiltajiet taghhom skont is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------